MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 51**

**It-Tnejn, 20ta' Frar 2023**

Saret il-laqgħa b'urġenża tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex
Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**51.1 Talba**

51.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17:30 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**51.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

51.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat żewġ ittri ta' apoloġiji mingħand il-Viċi Sindku Josephine Camilleri kif ukoll ittra mingħand il-Kunsillier Horace Micallef fejn iż-żewġ membri talbu sabiex jkunu skużati.

**51.3 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2022**

51.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kamra l-Unaudited Financial Statements għas-sena 2022 mħejji mill-Accountant is-Sur Daniel Galea.

Għal din il-parti tal-laqgħa kien hemm preżenti l-Accountant, is-Sur Daniel Galea fejn spjega fid-dettal dan ir-rapport.

L-Unaudited Financial Statements għas-sena 2022 ġew approvati unanimament minn dawk preżenti u ġew iffirmati erba' kopji mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**51.4 Sample ta' bank ġdid skont l-kundizzjonijiet tal-offerta FLC06/2022**

51.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil dawk preżenti li wasal is-sample li kien ġie mitlub lil-GreenSkip hekk kif huwa mitlub fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Il-membri preżenti qablu ma dan is-sample u għalhekk kien hemm qbil unanimu sabiex nipproċedu bil-kuntratt.

**51.5 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-18.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 6 ta' Marzu 2023 fil-17.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Konfermati, llum it-Tnejn, 6 ta' Marzu 2023.

Saviour Borg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv